**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

## Appell numru: 56/2017

**Wara sentenza tac-Centru Malti ta' l-Arbitragg bil-Arbitragg Mandatarju Numru: M3407/2012 datata 5 ta' Ottubru, 2017**

## Annriette Falzon (K.I. nru: 31681M)

## vs.

## John Paul Grech (K.I. nru: 495758M)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-attrici minn decizjoni tac-Centru Malti ta' l-Arbitragg datata 5 ta' Ottubru, 2017. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. Illi nhar is-27 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm) fi Vjal l-Indipendenza fil-Mosta, l-appellanti Annriette Falzon li tahdem bhala pustiera, waqfet bil-vettura proprjeta' taghha tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANN 102 fil-kaxxi tal-parkegg allegatament nofs f'kaxxa tal-parkegg u nofs iehor f'kaxxa tal-parkegg ohra bil-hazard lights mixghulin u dan sabiex tmur tghin kollega billi titfa' l-posta fil-kaxxa postali;

ii. L-intimat Jean Paul Grech li kien is-sewwieq tal-vettura proprjeta' tal-Gvern ta' Malta tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru tar-registrazzjoni IBH 514, hareg minn Triq Mattew Callus fil-Mosta u kiser ghal fuq il-lemin tieghu fi Vjal l-Indipendenza direzzjoni lejn il-knisja ta' San Silvestru fil-Mosta. Jinghad li l-konfigurazzjoni ta' din il-parti tat-triq kienet qisha salib it-toroq;

iii. L-appellat meta hareg mis-side street Triq Mattew Callus ghall-Vjal l-Independenza sab quddiemu vettura gholja li kienet qieghda ttelfu mill-vizwali ta' quddiemu meta fil-pront sab il-vettura tal-appellanti Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANN 102 li kienet ipparkjata b'tali mod li tesporgi 'l barra mill-ispazju tal-parkegg tal-vetturi. Konsegwenza ta' dan l-appellat habat fil-vettura tal-ghamla Fiat Punto proprjeta' tal-appellanti;

iv. Il-hsara fil-kaz tal-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni ANN 102 proprjeta' tal-appellanti Annriette Falzon kienet fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin, filwaqt li fil-kaz tal-appellat Jean Paul Grech, il-hsara fuq il-vettura Toyota Corolla bin-numru tar-registrazzjoni IBH 514 kienet fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem tal-vettura;

v. Illi nhar is-27 ta' Novembru, 2012 l-appellanti Annriette Falzon intavolat ittra ufficjali (pprezentata permezz ta' nota fl-atti tal-Arbitragg mandatarju) fejn interpellat lill-appellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minnha in segwitu ghall- incident automobilistiku ta' nhar is-27 ta' Novembru, 2010. Sussegwentement nhar il-21 ta' Dicembru, 2012 l-appellanti intavolat arbitragg mandatorju bir-referenza numru M3407/2012 kontra l-appellat sabiex *inter alia* l-appellat jinsab responsabbli ghall-incident u ghad-danni kollha rizultanti u tikkundannah ihallas s-somma ta' disa' mitt ewro (€900) rapprezentanti danni sofferti mill-appellanti konsegwenza tal-incident.

2. Illi l-Ewwel Tribunal permezz tad-decizjoni tieghu tal-5 ta' Ottubru, 2017 cahad it-talbiet tal-appellanti Annriette Falzon ghas-sejbien ta' responsabilita' u danni in konnessjoni mal-incident automobilistiku u fejn gie deciz kif isegwi:

*'**<u>Decizjoni</u>***

*Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-Arbitru:*

1. *Jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;*
2. *Jilqa' l-ewwel, ir-raba', is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet tal-intimat;*
3. *Jastjeni li jiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ghar-ragunijiet fuq spjegati; u*
4. *Fid-dawl tas-sopraskritt, jordna li l-ispejjez relattivi jithallsu mir-rikorrenti Annriette Falzon.'*

3. Illi l-appellanti Annriette Falzon hassitha aggravata b'din id-decizjoni u ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar l-20 ta' Ottubru, 2017. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet aggravju wiehed (1) b'dan ikun is-segwenti:

a. L-arbitru xehet responsabilita' fuqha ghalkemm kienet ipparkjata fil-mument tas-sinistru minflok fuq il-vettura intimata li kienet qed tinstaq mill-appellat meta fl-ahhar mill-ahhar il-vettura l-ohra kienet wieqfa.

4. Illi da parti tieghu l-appellat wiegeb ghall-appell billi qal li huwa sostna li jaqbel mal-motivazzjonijiet kollha tat-Tribunal tal-Arbitragg hlief fejn jirrigwarda l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u kien ghalhekk li huwa ntavola appell incidentali f'dan ir-rigward. L-appellat ittratta dan l-aggravju bil-mod segwenti:

a. L-appellat rega' eccepixxa preliminarjament f'dan l-istadju li l-Avukat Generali kellu jigi notifikat a tenur tal-Artikolu 181B (3) tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante li din l-eccezzjoni giet milqugha mit-Tribunal tal-Arbitragg, l-appellanti naqset f'dan l-istadju li taghmel in-notifiki skont il-ligi;

b. L-appellat kompla jsostni li certament ma jistax jinghad li l-incident kien tort tal-appellat ghaliex saq b'negligenza u minghajr attenzjoni u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi mill-provi hareg car li l-appellanti kkagunat dan l-incident meta hija naqset milli thares ir-regolamenti tas-sewqan b'mod partikolari r-Regolament 74 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur) kif ukoll l-paragrafu 232 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq;

ii. Illi skont l-appellat, kif jirrizulta mir-rapport tal-wardens li gie prezentat fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Dicembru, 2014, jidher illi n-naha ta' wara tal-vettura tal-appellanti, dik il-parti l-aktar vicin tal-bankina kienet tliet (3) metri 'l barra filwaqt li n-naha ta' quddiem l-aktar vicin tal-bankina kienet zewg metri u erbghin centimetru (2.4m) 'il barra mill-bankina. Skont l-appellat dan jikkontradici dak li qalet l-appellanti li kienet ipparkjata f'zewg spazji tal-parkegg u jevidenzja li in parti l-vettura taghha kienet ipparkjata fil-karreggjata . L-appellat jinsisti li l-appellanti kienet taf li kienet qed tikkawza perikolu lit-traffiku ghaddejt tant li xeghlet il-hazard lights;

iii. L-appellat isostni wkoll illi l-punt tat-tluq ghandu jkun mhux biss li l-vettura kienet ipparkjata izjed ukoll kif kienet ipparkjata. Ma tistax persuna li kienet ipparkjata hazin tippretendi li ma tiehux responsabilita' ghaliex kienet ipparkjata;

iv. L-appellat jinsisti li l-massima *res ipsa loquitur* ma tapplikax f'dan il-kaz stante li ma kien hemm l-ebda manuvra negligenti min-naha tieghu u sabiex jissostanzja dan ghamel riferenza ghall-gurisprudenza;

v. L-appellat jichad ukoll li huwa seta' naqas milli wettaq *proper look out* u dan stante li huwa kien kawt kif hareg mit-triq sekondarja u kien attent x'kien qieghed jigri madwaru. In-nuqqas ta' *proper look out* kienet min-naha tal-appellanti meta pparkjat kif gie gie.

5. Illi kif gia accennat, l-appellat flimkien mar-risposta tieghu ssottometta wkoll appell incidentali fejn permezz tieghu huwa ressaq aggravju wiehed (1) b'dan ikun s-segwenti:

a. L-appellat ma jaqbilx mal-pozizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni li t-talba tal-appellanti hija preskritta u kif precizat waqt it-trattazzjoni finali quddiem l-Arbitru, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Jirrizulta li nonostante li l-appellanti Annriette Falzon giet debitament notifikata bir-risposta u l-appell incidentali nhar l-1 ta' Frar, 2018 hija baqghet ma resqitx risposta bil-miktub ghall-appell incidentali.

7. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

8. F'dan l-aggravju, l-appellanti Annriette Falzon tibda billi tghid li hija tinsab aggravata bid-decizjoni u dana stante li ntefghet responsabilita' fuqha meta fil-fatt fil-mument tas-sinistru hija kienet ipparkeggjata. Hija tishaq li r-responsabilita' kellha tkun ta' l-appellat Jean Paul Grech li kien qieghed isuq il-vettura u habat gol-

vettura taghha li kienet wieqfa. L-appellanta kkwotat parti mid-decizjoni tal-Arbitru li minnha hija hassitha aggravata fejn iddikjara s-segwenti:

*'Ghalkemm wiehed dejjem jista' jsemmi l-obbligu ta' sewwieq li jzomm proper look out f'kull hin, hemm ukoll l-obbligu ta' kull sewwieq li jsegwi s-sinjali u l-marki li jirregolaw l-andament tat-traffiku. Kienet ghalhekk Annriette Falzon li permezz tan-non-osservanza taghha tal-marki li jindikaw fejn u kif wiehed ghandu jipparkja, tat lok ghall-incident. Jirrizulta li meta l-vizwali ta' John Paul Grech iccaraw, dan minnufih sab quddiemu l-vettura ANN-102 bir-rizultat li ftit li xejn kellu hin jimmanuvra biex jiskansa habta. Ghalhekk l-Arbitru huwa tal-fehma li John Paul Grech ma jgorr ebda htija fir-rigward tal-incident de quo.'*

9. Fil-kaz prezenti din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti dwar kif kienet ipparkjata l-vettura tal-appellanti. L-appellanti Annriette Falzon tghid li l-vettura taghha:

*'… kienet f'nofs parking bay u nofs f'parking bay ohra'*

u tishaq fuq il-punt li hija kienet wieqfa. L-appellat Jean Paul Grech da parti tieghu isostni li:

*'Il-vettura ta' Ms Falzon kienet barra mill-parking lot u kienet ipparkjata fit-triq'*

f'posizzjoni angolata.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghar-ritratti esebiti mar-rapport bin-numru 97226/GWSHL b'mod specjali ghar-ritratti mmarkati bhala 6/9, 7/9, 8/9 u 9/9 li jgiddbu bi kbir il-verzjoni tal-fatti tal-appellanti Annriette Falzon. Dawn ir-ritratti ma jhallux lok ghal tghawwig tal-fatti jew ghall-percezzjonijiet zbaljati. Minnhom jirrizulta li l-vettura kienet verament ipparkeggata 'l barra mill-

kaxxi tal-parkegg u li l-vettura kienet f'pozizzjoni angolata, b'tali mod li l-parti tal-lemin fuq in-naha ta' wara tal-vettura Fiat Punto tal-appellanti Annriette Falzon kienet sporguta 'l barra fit-triq (ara rapport li gie pprezentat kemm mal-avviz tal-arbitragg kif ukoll gie pprezentat mill-Gwardjan lokali William Saliba fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Dicembru, 2014).

Mill-isketch redatt mill-Gwardjan lokali William Saliba li jinsab anness mar-rapport u ndikat bhala 3/9 jirrizulta wkoll li l-vettura tal-appellanti tal-ghamla Fiat Punto u li hija mmarkata b'ittra B fuq l-isketch kellha fuq quddiem zewg metri u erbghin centimetru (2.4m) 'il barra mill-bankina (distanza minn l-ittra d sa g) filwaqt li fuq wara l-vettura kellha tliet (3) metri l-barra mill-bankina (distanza minn l-ittra e sa h). Dawn il-kejlijiet huma evidenza cara tal-posizzjoni li fiha kienet tinsab l-vettura tal-appellanti.

10. Illi dwar parkeggjar ta' vettura f'pozizzjoni hazina u li kawza taghha sehh incident fis-sentenza fl-ismijiet **Stanley Spiteri -vs- Eileen Bonnett** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-4 ta' Ottubru, 2006 jinghad:

> *'L-appellanti jislet b'suffragju mis-sentenza "**James Attard -vs- Alfred Desira**", Appell, 21 ta' Mejju 1986, l-osservazzjoni illi vettura pparkjata hazin qatt ma tista' tkun kagun ta' incident awtomobilistiku. Din il-fehma pero` tinsab sew ikkritikata fis-sentenza "**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999. Fiha nghad, b'referenza ghal dik id-decizjoni l-ohra, illi l-Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-waqfien f'post perikoluz ta' vettura ma setax ikun fattur kontributorju li jipprovaka s-sinistru jew li kellu jigi biss konsidrat bhala agir kontravenzjonali li bl-ebda mod ma kellu xi rifless fuq ir-responsabilita` ghas-sinistru. L-istess Qorti anzi irriteniet illi fejn l-infrazzjonijiet kontravenzjonali jkunu provati li pprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih dawn kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-iskop li jigi stabbilit kif kellha tigi addebitata r-responsabilita';'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Pierre Ellul -vs- Alexis Bonnici** deciza nhar il-10 ta' Ottubru, 2005 il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-istess decizjoni **Albert Grech -vs- John Attard** tad-29 ta' Ottubru, 1999 fir-rigward ta' pparkeggar ta' vetturi f'pozizzjoni hazina jinghad:

*'Din il-Qorti rriezaminat bir-reqqa l-provi kif ukoll ir- ragonament tat-Tribunal fis-sentenza appellata u ma jidhrilhiex li ghandha tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta. Minn naha l-wahda l-konvenut appellant ma jistax jitrincera ruhu li hu ma kkommetta ebda vjolazzjoni tan-normi komportamentali. Intqal dan fis-sentenza fl-ismijiet "**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999:-*

*"Din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-waqfien f'post perikoluz ta' vettura, f'posizzjoni fejn ir-regolamenti kienu jivvjetaw is-sosta proprju biex ma jigux sorprizi vetturi ohra li kellhom kull dritt jippretendu li l-karreggjata tkun libera, u, multo magis, fl-arterji principali fejn hi wkoll konsentita certa velocita`, ma setax ikun fattur kontributorju li jipprovoka s-sinistru jew li kellu jigi biss konsidrat bhala agir kontravenzjonali li bl-ebda mod ma kellu xi rifless fuq ir-responsabilita` ghas-sinistru";'*

11. Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat li l-appellanti ghogobha tipparkja hazin il-vettura taghha b'dana li parti mill-vettura kienet qed tostakola l-karreggjata minn fejn kienu ghaddejjin il-vetturi fosthom tal-appellat tista' tghid f'wahda mill-aktar toroq traffikuzi gewwa l-Mosta. L-appellanta ma haditx kont (kif kienet obbligata li taghmel) tal-fatt li ftit 'il boghod minn fejn ipparkjat hazin hi kien hemm 'side-road' li tisbokka fit-triq li hija ostakolat, mil-liema 'side-road' mhux neccessarjament is-sewwieqa setghu jaraw, fil-hin, il-periklu ikkreat fit-triq mill-vettura taghha pparkjata hazin partikolarment jekk dawn ikunu qed isegwu xi vettura ohra mhux zghira bhalma jsostni li gara l-appellat. Il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata li fic-cirkustanzi tal-kaz odjern

l-incident ma sehhx konsegwenza ta' nuqqas ta' 'proper look-out' da parti tal-appellat izda kien appuntu l-ipparkjar hazin tal-vettura da parti tal-appellanta li wassal ghall-incident stante li l-appellat, x'hin gie fil-posizzjoni li jara l-vettura tal-appellanta pparkjata tisporgi fi triqtu, jirrizulta li kien tard wisq ghalih sabiex jevita l-incident.

12. In vista ta' dak hawn fuq espost din il-Qorti taqbel mar-ragunament tat-Tribunal tal-Arbitragg li r-responsabilita' tal-incident tinkombi fuq l-appellanti w'ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-aggravju taghha.

**L-Appell Incidentali**

13. Illi in vista tal-fatt li ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-appell tal-appellanti Annriette Falzon u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg fir-rigward tar-responsabilita' taghha ghall-incident tqis li jkun inutli li hija tinoltra ruhha oltre fl-appell incidentali.

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tichad l-aggravju tal-appellanti fl-appell promotur, tghaddi sabiex tichad l-appell fl-intier tieghu u tikkonferma fl-intier taghha d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi moghtija mit-Tribunal ta' l-Arbitragg datata 5 ta' Ottubru, 2017. Fic-cirkustanzi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell incidentali.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Annriette Falzon.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**